

INTESTATURA TAL-BAĠIT 04 04 08

Proġett bi prova biex iħeġġeġ il-konverżjoni ta' xogħol prekarju f'xogħol bid-drittijiet

SEJĦA GĦALL-PROPOSTI 2010 VP/2010/016

Ir-riżultati previsti ta' din is-sejħa għall-proposti huma:

- Għarfien imtejjeb tal-miżuri adottati reċentement fl-Istati Membri li jestendu d-drittijiet tal-ħaddiema prekarji;
- Fehim aħjar tal-firxa tax-xogħol prekarju u s-sehem tiegħu fil-funzjoni ġenerali tal-ekonomija;
- Il-promozzjoni ta' skambju ta' informazzjoni u esperjenza qalb il-partijiet interessati;
- Il-promozzjoni ta' kooperazzjoni transnazzjonali fost il-partijiet interessati u t-tixrid tal-aħjar prassi.

L-azzjonijiet li ġejjin jistgħu jiġu kofinanzjati:

- Stħarriġ, studji fuq il-post u tipi oħra ta' attivitajiet għall-ġbir tal-informazzjoni;
- Seminars, konferenzi jew azzjonijiet qosra ta' taħriġ li jiffokaw fuq il-konverżjoni tar-relazzjonijiet ta' xogħol prekarju f'kuntratti li jkollhom aktar drittijiet soċjali, inklużi studji preparatorji, l-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' diskussjoni, skambji ta' esperjenza u l-aħjar prassi u networks tal-operaturi ewlenin u/jew l-esperti;
- Studji ta' każijiet li jinvestigaw kwistjonijiet ta' xogħol prekarju fir-rispett ta' kategoriji speċifiċi ta' ħaddiema, reġjuni u/jew setturi ekonomiċi u t-titjib ta' drittijiet assoċjati ma' xogħol ta' dan it-tip, inklużi studji komparattivi ta' sitwazzjoni fi Stati Membri differenti;
- Inizjattivi biex ikomplu l-ġbir, l-użu u t-tixrid ta' informazzjoni dwar il-konverżjoni ta' xogħol prekarju f'xogħol bid-drittijiet, bħalma huma websajts, pubblikazzjonijiet, fuljetti ta' informazzjoni u mezzi oħra għat-tixrid tal-informazzjoni.

L-ammont previst għal din is-sejħa għall-proposti hu ta' EUR 650 000.

Il-perċentwal ta' kofinanzjament tal-Unjoni Ewropea se jkun limitat għal massimu ta' 80 % tat-total tal-ispejjeż eliġibbli tal-azzjoni.

Id-data sa meta għandhom jitressqu l-applikazzjonijiet kompluti għall-azzjonijiet li jibdwu mhux qabel **il-15 ta' Novembru 2010** u mhux aktar tard mit-**22 ta' Diċembru 2010** hija **t-30 ta' Settembru 2010**.

Għal aktar informazzjoni dwar l-għanijiet u l-prijoritajiet tal-linja baġitarja, miżuri eliġibbli, kandidati eliġibbli, ammonti ta' kofinanzjament u regoli oħra, jekk jogħġbok ikkonsulta s-sett sħiħ ta' istruzzjonijiet għall-applikanti fil-websajt li ġejja:

EN: <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=en&catId=630&callId=289&furtherCalls=yes>
FR: <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=fr&catId=630&callId=289&furtherCalls=yes>

DE: <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=de&catId=630&callId=289&furtherCalls=yes>